VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,436, 5 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 185 tal-2015

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2015 li jemendaw ir-Regoli tal-2014 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2015 li jemendaw ir-Regoli tal-2014 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli tal-2014 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 208 tal-2014.

Temenda r-regola 1 tar-regoli prinċipali,

2. Fis-subregola (2) tar-regola 1 tar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "mis-sena ta'stima 2015" għandhom jidħlu l-kliem "mis-sena ta'stima 2016".